15 ta' Ġunju 2023

Lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati
u l-President tal-Kumitat Permanenti
għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li ilmenti m'għandhomx jiġu investigati**

Fil-11 ta' Marzu 2019 l-ewwel Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, Dr George Hyzler, bagħat memorandum lill-Kumitat dwar l-Istandards dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita wara l-konsiderazzjoni ta' ilmenti.

Fost affarijiet oħra, il-Kummissarju Hyzler ippropona li fejn dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga ilment, m'għandux jippubblika d-deċiżjoni tiegħu. Għandu biss jgħarraf lil min għamel l-ilment bid-deċiżjoni tiegħu u r-raġunijiet warajha, kif jitlob l-artikolu 17(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Jiena informat li l-ħsieb wara din il-proposta kien li dan l-Uffiċċju m'għandux ixandar allegazzjonijiet kontra persuni fil-ħajja pubblika ġaladarba ma jkunx bi ħsiebu jinvestigahom. B'hekk jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn jintefa' dell fuq persuna fil-ħajja pubblika mingħajr ma din il-persuna tingħata l-opportunità li tiddefendi lilha nnifisha.

Il-Kumitat dwar l-Istandards qabel ma' din il-proposta fit-2 ta' April 2019, u l-prattika hekk stabbilita baqgħet tiġi segwita minn dan l-Uffiċċju sal-lum.

Madankollu, fiċ-ċirkostanzi tal-lum wieħed għandu jistaqsi jekk din il-prattika għandhiex tibqa' tiġi segwita invarjabbilment, jew għandux ikun hemm lok għal eċċezzjonijiet. Mill-esperjenza ta' dan l-Uffiċċju joħorġu tliet raġunijiet għalfejn eċċezzjonijiet jistgħu ikunu ġustifikati:

(a) F'ħafna każi, ilment isir dwar materja li diġà tkun ingħatat pubbliċità, jew inkella min iressaq ilment quddiem dan l-Uffiċċju jqassam l-ilment lill-midja wkoll. B'hekk l-allegazzjoni xorta tixxandar, anki jekk sussegwentement dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li l-ilment ma jimmeritax

investigazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi tista' titqies inġustizzja ma' min ikun is-suġġett tal-ilment jekk id-deċiżjoni ma tiġix ippubblikata.

(b) L-Uffiċċju jibgħat id-deċiżjoni tiegħu lil min ikun għamel l-ilment u ġieli wkoll lill-persuna li tkun is-suġġett tal-ilment. Dawn jistgħu jippubbliċizzaw id-deċizjoni huma peress li mhumiex marbutin bil-proċedura stabbilita mill-Kumitat dwar l-Istandards. Biss, jekk deċiżjoni timmerita li tiġi ppubblikata, dan għandu jsir direttament minn dan l-Uffiċċju u m'għandux jiddependi fuq l-azzjonijiet ta' terzi persuni.

(c) Barra minn hekk, terzi persuni jistgħu jagħtu interpretazzjoni ħażina tad-deċiżjoni lill-midja, ġaladarba ma tiġix ippubblikata d-deċiżjoni mill-Uffiċċju b'mod immedjat skont proċedura formali u affidabbli. Dan ġara f'każ riċenti, fejn l-ilmentatur informa lill-midja li l-ilment tiegħu ma ġiex investigat għaliex il-persuna li dwarha sar l-ilment ma kinitx "politically exposed person" (PEP). Fil-fatt dan l-Uffiċċju m'għandu ebda kompetenza jiddeċiedi min hu jew mhuwiex PEP, u dan ma kienx fattur fid-deċiżjoni tiegħu. Din l-istqarrija żbaljata tal-ilmentatur setgħet tqajjem domandi bla bżonn u timmina l-kunfidenza pubblika f'dan l-Uffiċċju.

Għalhekk is-sottoskritt jipproponi għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat li fejn dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga ilment, għandu jkollu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjoni tiegħu jekk jidhirlu li dan ikun ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u ma jkunx ta' dannu għall-persuna li tkun is-suġġett tal-ilment.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika